

## V

(Avviżi)

## PROCĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2018 minn CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fid-19 ta' April 2018 fil-Kawża T-606/17, CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-415/18 P)

(2019/C 82/02)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

*Appellanti:* CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH (rappreżentant: A. Schuster, Rechtsanwalt)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-10 ta' Jannar 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (It-Tmien Awla) ħadhet l-appell bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat, u ddeċidiet li l-appellanti għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fis-6 ta' Novembru 2018 – LF vs Google LLC, YouTube Inc., YouTube LLC, Google Germany GmbH**

(Kawża C-682/18)

(2019/C 82/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali***Rikorrent:* LF*Konvenuti:* Google LLC, YouTube Inc., YouTube LLC, Google Germany GmbH**Domandi preliminari**

1) L-operatur ta' pjattaforma vidjo fuq l-internet li permezz tagħha l-utenti jagħmlu aċċessibbli għall-pubbliku vidjos li jinkludu kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur mingħajr il-kunsens tad-detenturi tad-drittijiet, iwettaq att ta' komunikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE<sup>(1)</sup> meta

— jagħmel dħul minn reklamar permezz tal-pjattaforma,

— il-proċess ta' uploading isir awtomatikament u mingħajr viżwalizzazzjoni jew kontroll minn qabel mill-operatur,